**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 104/2018 AF**

**David sive David Norbert Schembri**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David sive David Norbert Schembri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent permezz ta' sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali fit-22 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. David sive David Norbert Schembri, kif ukoll konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2017, l-esponent inghata sentenza ta' ghomor il-habs ghall-omicidju ta' Josette Scicluna. Dan wara li l-Qorti Kriminali permezz ta' sentenza tal-20 ta' Gunju, 2007, kif konfermat ukoll mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008 li l-esponent fil-mument ta' l-incident, ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi.

L-esponent jsostni li f'diversi aspetti kif giet kondotta l-investigazzjoni fil-kwestjoni dwar l-istat ta' genn tieghu mill-Qrati, kif ukoll l-process gudizzjarju dwar is-sejbien ta' htija tiegħu mill-Qrati hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Oht il-vittma Josette Scicluna, cioè Dorothy Scicluna, kienet tahdem bhala psikologa fiz-zmien meta l-Qorti Kriminali permezz ta' digriet tal-1 ta' Novembru, 2006 nnominat lil Dr. George Debono, Dr. David Cassar u Dr. Joseph Vella Baldacchino bhala psikjatri biex wara li jezaminaw lill-esponent kif ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni jirrelataw jekk fil-fehma taghhom l-esponent kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat delitt. Illi dawn l-istess psikjatri kienu jahdmu fl-Isptar San Luqa u fl-Isptar Monte Karmeli fiz-zmien meta hemmhekk kienet tahdem ukoll bhala psikologa oht il-vittma Dorothy Scicluna. Illi meta l-Qorti avzat li jekk hemm xi wiehed minn dawn il-psikjatri msemmija jaf jew ghandu xi konnessjoni ma xi hadd mill-partijiet fil-kawza, javza u jirtira. Dan ma sarx ghaliex l-ebda wiehed minn dawn it-tlett psikjatri ma zvela li ghandu konnessjoni ma' oht il-vittma Dorothy Scicluna, liema Dorothy Scicluna dahlet fl-Awla tal-Qorti meta nghatat s-sentenza tal-guri.

Erbat ijiem biss wara l-guri cioè fil-25 ta' Gunju 2007, Joe Scicluna, missier il-vittma Josette Scicluna, kien fil-*waiting room* tal-spizerija Melita Pharmacy sitwata fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, li jezercita fiha l-imsemmi psikjatra Dr. David Cassar, cioè wiehed mil-psikjatri nominati mill-Qorti u dan jista' jigi konfermat minn Maryanne Borg Schembri, wahda minn hut l-esponent li dak iz-zmien kienet tuza s-servizzi ta' dan l-istess psikjatra li b'kumbinazzjoni kellha appuntament flimkien mal-psikjatra dakinhar. Illi Joe Scicluna kellu reazzjoni ta' paniku u ghamilha ovvja li kien ghaddej xi haga bejnu u l-psikjatra Dr. David Cassar sabiex l-esponent ma jigix dikjarat li kien fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat delitt.

Il-psikjatri imsemmija waqt ix-xhieda taghhom tat-12 ta' Marzu 2007, biex jikkonfermaw ir-rapport waqt il-guri, qalu li l-esponent ma weriex rimors ghal dak li kien gara. Illi kif jista' jkun jghidu dan il-kliem meta l-interview mal-psikjatri ma damx aktar minn nofs siegha u qatt ma saqsew lill-esponent kemm beka u habbat rasu mal-hajt ghal dak li gara, u aktar minn hekk lanqas kien kompitu taghhom bhala psikjatri li jghidu dak il-kliem. Illi huwa ferm ovvju li l-pjan taghhom kien li jinfluwenzaw lil gurati b'vendetta ta' vittma ta' oht kollega taghhom.

L-Imhallef waqt l-indirizz tal-guri zgwida sfaccatament lill-gurati meta beda jispjega lill-istess gurati li CT Scan huwa iktar perfezzjonist mill-MRI, meta dan qatt ma' jista jkun u ma kellu l-ebda kompetenza medika li jaghmel dan, qisek qed tghid li *computer* ta' tletin sena ilu huwa ahjar minn tal-lum.

L-esponent kellu jaghmel xi testijiet tal-MRI u rcieva rikjam ghall-Qorti. Illi l-Imhallef appunta d-data tal-guri u ma tax cans l-esponent jaghmel it-testijiet ghal cesta f'mohhu.

L-Imhallef tal-guri appunta l-guri fit-terminu meta l-esponent seta' u kellu d-dritt jintavola kawza quddiem il-Qorti Ewropeja rigward id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem wara li ntavola kawza Kostituzzjonali sabiex jigu mhassrin u annullati l-verdett tal-gurija, s-sentenza tal-Qorti Kriminali u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hawn fuq riferuti fir-rigward tal-eccezzjoni

dwar id-*dementia* tal-esponent fil-mument li wettaq il-fatti allegati.

L-esponent mar San Gwann, fejn sehhew il-fatti allegati, bil-karozza u mhux bil-mixi. Illi aktar minn hekk l-Ufficjal tal-Pulizija mil-Ghassa ta' San Gwann WPC 174 Joan Bonello gidbet fix-xhieda taghha pagna tlieta fis-17 ta' Mejju 2004 meta qalet li fl-ebda hin ma' l-esponent qallha li kien qed jibza minn missier il-vittma, cioè Joe Scicluna u li qallha biss li ried imur jerga' l-flat u ried imur il-flat minhabba l-istess Joe Scicluna, missier il-vittma, meta fil-fatt l-esponent qallha li kien ser imur jistahba wara l-Knisja ta' San Gwann biex il-Pulizija jigu ghalih hemmhekk ghax jekk jigi l-istess Joe Scicluna, missier il-vittma, l-Ghassa tal-Pulizija jaghmel rapport isibu hemm u joqtlu. Tant hu hekk li fix-xhieda tal-Ispettur Mario Tonna tas-17 ta' Mejju 2004 f'pagni tnejn u sebgha, l-Ispettur Tonna qal li l-esponent lil WPC 174 Joan Bonello kien qalilha li kellu xi jghid mal-partner, sabiex ifittxu jiehduh mill-Ghassa tal-Pulizija qabel ma jigu l-familjari tal-vittma. L-Ispettur Tonna giddeb lill-imsemmija WPC Bonello. F'pagna tlieta tax-xhieda tieghu tas-17 ta' Mejju 2004, l-Ispettur Tonna qal li wara li l-esperti kienu qed ilestu xogholhom, huwa sadanittant flimkien mas-Surgent 1492 hadu verzjonijiet ta' diversi persuni fosthom ta' Daisy Schembri ta' seba' snin li tigi t-tifla ta' l-esponent u tal-vittma, Josette Scicluna. Din hija konferma mill-Ispettur Tonna li ftit hin wara l-kaz ittiehdu verzjonijiet ta' diversi persuni fosthom Daisy Schembri, it-tifla ta' l-esponent. Fl-istess xhieda ta' l-Ispettur Tonna f'pagna seba' tas-17 ta' Mejju 2004, qal ukoll, li jiftakar li mar l-Ghassa ta' San Gwann u talab lilll-Pulizija jiehdu lill-esponent qabel jigu l-familjari tal-vittma Josette Scicluna. Dan ifisser li l-Ispettur fix-xhieda tieghu kkonferma dak kollu li qal l-esponent lil WPC Joan Bonello, li ried jistahba minn Joe Scicluna, missier il-vittma, u mhux jerga' jinzel il-flat, meta jsemmi fix-xhieda tieghu li l-esponent ried jistahba mill-familjari tal-vittma, jigifieri jistahba minn Joe Scicluna. Dan ifisser li l-esponent kien imwerwer u ppanikjat u zgur mhux bi pjan li joqtol persuna meta wara erbgha jew hames minuti ried imur jistahba.

L-Imhallef waqt l-indirizz tal-guri zgwida sfaccatament lill-gurati meta spjega li l-esponent ma kellux ghalfejn imur San

Gwann bil-pistola fuqu, ghaliex missier il-vittma, cioè Joe Scicluna, la joqghod San Gwann u lanqas fil-vicinanzi, meta l-istess Joe Scicluna kien fil-fatt joqghod San Gwann triq biss il-boghod minn fejn kienet toqghod it-tifla tieghu, l-vittma, Josette Scicluna, cioè fejn sehhew ll-fatti allegati. Illi l-istess Joe Scicluna kien spara f'kaz xi snin qabel il-kaz ta' l-esponent u l-Imhallef ma ndenjax ruhu jigbed l-attenzjoni tal-gurati li l-esponent kellu ghalfejn jibza' minnu, aktar u aktar meta l-esponent qatt ma nghata c-cans li jispjega minn xhiex ghaddewh Josette Scicluna u Joe Scicluna. Illi l-esponent kien igorr l-arma fuqu minn zmien qabel dan il-kaz, minhabba l-fatt li kellu argument jahraq ma' l-istess Joe Scicluna wara li kien wekkieh sigaretti bil-kuntrabandu u sahansitra l-esponent kien hallsu taghhom. Illi l-istess Joe Scicluna ried joqtol lill-esponent tant li kien qed jippjana biex idahhal arma fil-Qorti u sahansitra l-esponent u l-ufficjali tal-Habs kien jitilghu l-Qorti lebsin il-bullet proof.

L-esponent spicca minghajr avukat tlett ijiem biss qabel il-guri u ghalhekk ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat li kien ser jassistih fil-guri.

Meta l-esponent qajjem l-eccezzjoni dwar id-*dementia* tieghu fil-mument li wettaq il-fatti allegati huwa kellu jintbaghat ghall-osservazzjoni fl-Isptar Monte Karmeli sabiex isiru dawk il-konstatazzjonijiet mehtiega. Fil-kaz tieghu, l-esponent mhux talli ma ntbaghtx fl-Isptar Monte Karmeli skond il-procedura stabbilita, imma nzamm il-habs f'divizjoni hamsa fejn kien fatt maghruf li f'dik id-divizjoni l-prigunieri kollha jiedu d-droga, u l-esponent qatt ma seta' ma jaghmilx bhalhom meta kellu problema ta' droga tant li kien jiehu 70 methadone u ghalhekk qatt ma seta' jikkoncentra fuq il-kaz tieghu u aktar minn hekk qatt ma seta' jikkonsulta mal-avukat b'mod adegwat. Tant hu hekk li kulma kkonsulta mal-avukat tieghu huwa kwarta biss qabel il-guri, filwaqt li ghal guri l-esponent lanqas biss kien jaf li ser isir ghaliex il-guri ma kellux isir ghax kellu kawza Kostituzzjonali fuq il-mertu pendenti.

F'dawn ic-cirkustanzi l-esponent qatt ma seta' jkollu smiegh xieraq.

L-esponent kien jiffirma fuq kaz iehor l-Ghassa ta' tas-Sliema u ghaxar minuti biss qabel il-kommissjoni tal-allegat reat, l-esponent kien ghadu kif jiffirma fl-istess Ghassa tal-Pulizija u ma jigix esibit fil-guri file No. 25 biex tintwera tali firma. Dan ifisser, kif l-esponent kien intenzjonat li joqtol seta' mar jiffirma ghaxar minuti biss qabel id-delitt. L-Ispettur Mario Tonna fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Mejju 2004 qal li rrizultalu li ghal habta tas-sitta u ghaxra l-esponent kien mar l-Ghassa tas-Sliema biex jiffirma l-*bail book* u mexa bil-mixi mil-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema sal-fond in kwistjoni ta' San Gwann. Din hija konferma mil-aktar cara li l-esponent ftit minuti qabel il-kaz mar jiffirma. Illi din il-prova ma ngabitx b'konsegwenza li ma giex pruvat li jista' qatt persuna xi darba jkun intenzjonat li joqtol meta ftit tal-minuti qabel mar jiffirma. Illi lanqas ma gie esibit il-Passaport ta' l-esponent sabiex jigi muri bil-fatti kemm il-darba sifirhom lil Josette Scicluna, l-vittma u t-tifla Daisy, cioè kemm kienu stmati mill-esponent. L-anqas ma gie mharrek xhud wiehed favur l-esponent meta huwa obbligu tal-prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha, kemm dawk kontra kif ukoll dawk favur l-esponent, fosthom li l-vittma Josette Scicluna kien normali li terfa' jdejha fuq l-esponent u tgaralu xi qasrija, u li ta' ghoxrin sena fetah negozju u impjega hafna nies u li missier l-istess esponent tah flat lilu u lill-vittma, Josette Scicluna, meta sar jaf li kien ser ikollhom tarbija, u l-esponent ghamel fuq sena jahdem f'dan il-flat waqt li fl-istess zmien fetah negozju. Dan li fl-istess zmien il-familja tal-vittma Josette Scicluna m'ghamlet xejn, anzi missierha Joe Scicluna, kecciha mid-dar u marret toqghod ghand omm l-esponent sakemm jitlesta l-flat, u meta gie mistoqsi missier il-vittma, Josette Scicluna, cioè Joe Scicluna, fil-Qorti bil-gurament jekk hux vera li kienet toqghod ma' omm l-esponent gideb u qal li ma jiftakarx.

Dr. Michael Sammut xehed waqt il-kumpilazzjoni fit-2 ta' Gunju 2004 li l-esponent kellu *cocktail* ta' drogi u sahansitra l-istess Dr. Sammut qal f'pagna tnejn tax-xhieda tieghu li l-esponent kellu ammont qawwi ta' alcohol fid-demm u fl-awrina. Illi Dr. Michael Sammut kien xehed darba biss fil-kumpilazzjoni wara li l-Magistrat inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera, iddecidiet li twaqqaf l-interrogazzjoni tal-esponent biex jittiehdulu l-kampjuni tad-demm u l-awrina ftit tal-hin wara li sehh il-kaz,

jigifieri fit-3 ta' Mejju 2004 u Dr. Michael Sammut tela' jixhed fit-2 ta' Gunju 2004 biex sempliciment spjega ox's fid-demm u xejn izjed, tant u hekk li x-xhieda ta' Dr. Sammut ma haditx izjed minn hames minuti. Dan ix-xhud ma ttellax jixhed waqt il-guri sabiex jixhed u jispjega kif bniedem ikollu *cocktail* ta' drogi f'gismu jigi akkuzat li ghamel reat bi hsieb.

Il-Magistrat Dr. Scerri Herrera waqfet l-investigazzjoni l-istess gurnata meta gara l-kaz fit-3 ta' Mejju 2004 u nnominat lill-psikjatrici Dr. Ethel Felice biex invistat lill-esponent. Hija telghet tixhed fid-9 ta' Settembru 2004 u pprezentat ir-relazzjoni mentali ta' l-esponent, fejn l-istess psikjattrici qalet li l-esponent kien jidher li kien normali u kongruenti, tant li beka meta ftakar fil-vittma Josette Scicluna. Kif qatt xi darba jista' jkun bniedem joqtol bil-hsieb u jibki ftit sieghat biss wara lill-istess persuna. Interessanti huwa l-fatt li din il-psikjattrici Felice ma telghetx tixhed waqt il-guri.

L-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar waqt il-kumpilazzjoni xehed li meta lill-esponent qalulu li l-vittma kienet tilfet hajjitha, l-esponent kien effettivament beka. L-Assistent Kummissarju Cassar xehed ukoll li fil-fatt lanqas ried jemminhom l-esponent, haseb li kienu qeghdin jibblaffjaw. Illi fil-guri dawn il-fatti la gew mistoqsija u wisq aktar imwiegba, izda qallhom waqt il-kumpilazzjoni fis-27 ta' Lulju 2004 f'pagna erbgha tax-xhieda tieghu. Dan ifisser kif qatt jista' jkun persuna joqtol bil-hsieb u waqt l-intrrogazzjoni, cioè, ftit tal-hin wara l-kaz, jigi nfurmat li l-persuna tkun mietet u jibki.

F'dan il-kaz stess il-Pulizija ghamlu domandi lil bint l-esponent il-minuri Daisy Schembri, assistita minn oht ommha, iz-zija tal-minuri Rachel, u wiegbet ghal kull domanda b'sincerità liema bhala u spiccat billi qalet li din kienet l-ewwel darba li rat lil missierha isawwat lill-ommha u li ma tafx li ommha u missierha kellhom problema bejniethom, dan kollu f'pagna tmienja u ghoxrin tax-xhieda taghha. Illi fix-xhieda taghha Fleur Cilia Bucket tas-27 ta' Lulju 2004 qalet f'pagna wiehed u tnejn tax-xhieda taghha li meta hija marret ghand l-avukat, kienet marret maghha Chantal Caddoo Cali. Kienu marru hemm fil-kumpanija ta' missier il-vittma, cioè ma' Joe Scicluna, anzi qalet li kien hu li qalilhom biex imorru jkellmu lil Dr. Emmanuel

Mallia. Kien Joe Scicluna, missier il-vittma Josette Scicluna li ghamillhom l-appuntament biex ikellmu lil Dr. Mallia. Hija kkonfermat li ma' Joe Scicluna huma tkellmu fuq il-kaz in kwistjoni. Jekk wiehed jgharbel ix-xhieda ta' dawn in-nies malajr jinduna li l-intenzjoni kienet biss li jdawwru l-fatti, biex fil-guri ppruvaw ipingu lill-esponent li kien isawwat lill-vittma Josette Scicluna spiss meta dan mhux minnu. Tant hu hekk li fix-xhieda tal-istess gurnata tal-kaz, hemm tal-inqas tlett persuni li jikkonfermaw li l-esponent qatt ma sawwat lill-vittma Josette Scicluna. Dawn huma t-tifla stess Daisy Schembri, wahda mill-girien Fleur Cilia Bucket u l-psikjatrici Dr. Ethel Felice. Il-fatt huwa li ghar-ragunijiet ferm ovvji, missier il-vittma, Joe Scicluna pressa kemm felah lix-xhieda u spicca biex hadhom anki ghand l-avukat Dr. Emmanuel Mallia li Joe Scicluna huwa tant habib tieghu.

L-imsemmija Fleur Cilia Bucket xehdet fil-gurnata ta' dan il-kaz quddiem il-Magistrat Scerri Herrera fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn spiccat ix-xhieda taghha billi qalet li sa fejn taf hi l-esponent qatt ma sawwat lill-vittma Josette Scicluna qabel il-kaz u li l-istess vittma qatt ma qaltilha dwar xi incident ta' vjolenza domestika u qalet ukol li hija kienet *close* mal-vittma. Din hija xhieda *a tempo vergine*. Wara din id-deposizzjoni, ix-xhieda gew ippressati mill-missier il-vittma, Joe Scicluna u iktar minn hekk l-istess Fleur Cilia Bucket stess tghid li kien missier il-vittma, Joe Scicluna li orkestra kollox, kif spjegat aktar il-fuq.

Il-guri ta' kaz bhal dan dam biss tlett ijiem u l-ghada l-gurati dahhlu jiddeliberaw. Iktar minn hekk l-Imhallef instema' jghid ghal iktar minn darba "ejja ha nehilsu", biex wiehed jara kemm l-esponent seta' kellu smiegh xieraq.

Dan kollu jgib li fil-process u l-guri u konsegwentement l-appell, bit-tezijiet imhaddna, ipprivaw lill-esponent minn *a fair trail*.

L-esponent ma kienx assisstit minn avukat qabel u waqt l-interrogazzjoni tal-4 ta' Mejju tas-sena 2004, liema interrogazzjoni saret fid-data msemmija fis-sebgha nieqes tlett minuti fil-Kwartieri tal-Pulizija Taqsima tal-Investigazzjoni Kriminali f'kamra numru 112 fil-prezenza tal-Ispettur

Christopher Pullicino u l-Ispettur Mario Tonna. Illi waqt l-istess stqarrija saru domandi lill-esponent li f'zewg okkazzjonijiet separati l-esponent ghamel xi hsara fil-vettura ta' missier il-vittma, cioè Joe Scicluna, meta dan mhux minnu, u aktar minn hekk gew influwenzati l-gurati fil-guri bi stqarrija tal-esponent mhux assisstit.

Waqt u matul din l-istqarrija ma kienx hemm il-prezenza ta' avukat u lanqas l-esponent ma kien assistit minn avukat waqt u matul it-tehid ta' din l-istqarrija u illi dan jammonta ghal lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ghal terminu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan specjalment in vista tal-fatt illi din l-istaqrrija kkostitwixxiet prova principali prodotta mil-Prosekuzzjoni.

L-esponent jaghmel referenza ghal kaz tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Saldux vs. Turkija, deciza fis-27 ta' Novembru tas-sena 2008, Panovits vs. Cipru deciza 11 ta' Dicembru, 2008, Dayanan vs. Turkija deciza fit-13 t'April, 2009, Plonka vs. Polonja deciza 31 ta' Marzu, 2009, Nadem vs. Kroazja, deciza fil-21 ta' Gunju, 2011, fejn il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet illi n-nuqqas ta' assisstenza legali waqt u matul l-interrogazzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Investigative u tal-Pulizija, jledi d-dritt fundamentali tal-Bniedem ghal smiegh xieraq, kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Inoltre, l-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenzi tal-Qrati Maltin, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Alvin Privitera, deciza fil-11 t'April 2011, il-Pulizija vs. Mark Lombardi deciza fit-12 t'April 2011, Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech, rikors ghal referenza Kostituzzjonali deciza fl-4 ta' Lulju 2011 u l-Pulizija vs. Esron Pullicino deciz fit-12 t'April 2011.

Dwar ir-rimedju, l-esponent jaghmel referenza *inter alia* ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs. Cipru, deciza fil-11 ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:

*"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his right as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the*

*position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings."*

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li fil-kors tal-proceduri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. David sive David Norbert Schembri decizi quddiem il-Qorti Kriminali fl-20 ta' Gunju, 2007 u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008, bis-sentenzi fil-konfront tal-esponent dwar l-eccezzjoni tad-demenzja kien hemm vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni senjatament li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

2. Tiddikjara li fil-kors tal-proceduri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. David sive David Norbert Schembri decizi quddiem il-Qorti Kriminali fit-22 ta' Jannar, 2009 u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2017, bis-sentenzi fil-konfront tal-esponent dwar il-kundanna lill-esponent ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru bir-rekluzzjoni ghal tlett perijodi kien hemm vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni senjatament li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

3. Tiddikjara illi sehhet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-kors tal-proceduri fuq riferuti.

4. Thassar u tannulla l-verdett tal-gurija, s-sentenzi tal-Qorti Kriminali u s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali hawn fuq riferuti.

5. Taghti kull rimedju, xieraq, effettiv u opportun iehor konsegwenzjali, inkluz danni morali u s-smiegh mill-gdid tal-kaz tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi "*l-esponenti jsostni li f'diversi aspetti kif giet kondotta l-investigazzjoni fil-kwestjoni dwar l-istat ta' genn tieghu mill-Qrati, kif ukoll l-process gudizzjarju dwar is-sejbien ta' htija tieghu mill-Qrati hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".*

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Preliminarjament in kwantu l-lanjanza tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegata lezjoni ta' dritt xieraq naxxenti mill-investigazzjoni dwar l-istat ta' genn tieghu mill-Qrati, l-esponenti jirrileva li r-rikorrenti digà kien ippropona azzjoni kostituzzjonali dwar dina l-kwistjoni fl-ismijiet "*David sive David Norbert Schembri vs Avukat Generali*" (rikors Kostituzzjonali numru 48/2008) li nqatghet finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Marzu 2011 liema kawza hija llum *res judicata* u r-rikorrenti ghalhekk ma jistax jerga' jirriproponi l-istess ilment identiku quddiem dina l-Onorabbli Qorti tramite l-proceduri odjerni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, ir-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hem l-ebda dubju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certamant li ma tistax tisharreg jekk il-qrati ordinarji

iddecidewx b'xi mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qrti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-kaz li gie finalment deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2017 permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri". Fir-rikors promotur tieghu ir-rikorrenti mkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li jaghmel huwa li jikkontesta l-interpretazzjoni tal-fatti li abbazi taghhom gie misjub hati. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Mhux kull interpretazzjoni 'hazina' tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed illibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti

ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

Certament li azzjoni bhal dik odjerna ma ghandhiex tintuza biex wara li jkunu ntemmu l-proceduri kriminali tinfetah opportunità gdida ghal min ikun instab hati sabiex jittenta jbiddel id-decizjoni tal-qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali.

Minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottometti li l-proceduri kriminali li issa qed jigu attakkati mir-rikorrenti ma kienu mtappna bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti li (a) il-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti kellu access miftuh ghall-qorti; (c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu; (d) l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda vantagg procedurali fuq ir-rikorrenti bi ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi; (e) ir-rikorrenti nghata l-opportunità kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) ir-rikorrenti kien moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrenti jallega li kien hemm xhud li waqt li kienet qeghda taghti d-deposizzjoni taghha fis-17 ta' Mejju 2004 ma qalitx il-verità. Illi bir-rispett kollu, jekk ir-rikorrenti hass li din ix-xhud ma kienitx qeghda tghid il-verità huwa seta' jaghmel il-kontro-ezami tax-xhud fejn seta' jissugerixxi lix-xhud kif ukoll isaqsiha domandi diretti. Certament li r-rikorrenti ma jistax juza l-proceduri kostituzzjonali sabiex dak li ma ghamilx fil-proceduri kriminali jittenta jaghmilhom tramite proceduri kostituzzjonali. L-istess jinghad dwar l-allegazzjoni li r-rikorrenti jaghmel versu l-Psikjatri u x-xhieda li nghatat minnhom fit-12 ta' Marzu 2007. Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li oht il-vittma kienet tahdem bhala psikologa meta l-Qorti Kriminali hatret il-Psikjatri u li skont ir-rikorrenti l-Psikjatri kellhom 'konnessjoni' ma' oht il-vittma. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti seta' joggezzjona ghal tali hatra jekk huwa ma kienx kuntent b'tali hatra, madanakollu, l-fatt li oht il-vittma tahdem bhala psikologa bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li l-

Psikjatri mahtura mill-Qorti Kriminali kellhom xi kunflitt ta' interess. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li l-prosekuzzjoni halliet xi xhud barra, l-esponenti jirrileva li r-rikorrenti setgha jinkludi tali xhud fil-lista ta' xhieda tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-indirizz tal-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri fejn ir-rikorrenti qieghed jallega li l-Imhallef zgwida lill-gurati, l-esponenti jirrileva li l-Imhallef irrelata l-fatti fedelment lill-gurati u kull allegazzjoni li l-Qorti Kriminali apprezzat b'mod hazin il-fatti hija ghal kollox allegazzjoni fallaci. Jekk wiehed janalizza l-provi li ngabru fl-atti tal-process kriminali wiehed ma jistax hlief jaqbel mar-ragunament u mal-konkluzjoni milhuqa fis-sentenzi tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali li sabu lir-rikorrenti hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Illi ma hemm l-ebda dubju li s-sejbien ta' htija u l-piena inflitta fuq ir-rikorrenti kienet wahda gusta u legittima meta mqabbla mar-rizultanzi processwali.

Ghal dak li jirrigwarda t-tehid tal-istqarrija tar-rikorrenti liema stqarrija kienet irrekordjata u traskritta, l-esponenti jissottometti li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali li persuna akkuzata b'reat kriminali jkollha proceduri li jinzammu bil-garanziji ta' smigh xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. Illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi persuna tinsab hatja meta ma ghandux ikun hekk.

Dak li jiggarantixxu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma dritt ghal smigh xieraq u mhux dritt ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Illi marbut ma' dan, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument specifiku.

Wiehed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li taha. Ir-rikorrenti

inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrenti kien qed tifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha tant hu hekk li huwa ghazel li jwiegeb ghal certu domandi filwaqt li fejn ma kienitx cert ippreciza li ma kienx jaf bi precizazzjoni u f'mumenti ohra ghazel li ma jwegibx. Illi mill-istess stqarrija jinzel bic-car li kull meta gie mistoqsi waqt l-interrogazzjoni b'mod espress dwar l-omicidju tas-siehba tieghu l-istess rikorrenti jahrab mid-domandi u ma jwegibx. Illi wiehed ma jridx jinsa wkoll li r-rikorrenti ma kienx persuna totalment estraneja ghal mod kif interrogatorju jigi mizmum mill-Pulizija u dan peress li fil-mument tat-tehid tal-istqarrija r-rikorrenti kien ghaddej minn proceduri kriminali tant hu hekk li kien qieghed fuq il-bail meta sar l-omicidju. Illi mill-provi li ttellghu fil-kors tal-proceduri kriminali jidher li ttellghu numru sostanzjali ta' xhieda fosthom xhieda okulari li raw lir-rikorrenti fil-mument li fih kien qieghed jikkommetti l-omicidju fosthom gara tal-vittma u bint ir-rikorrenti. Illi minn ezami tal-istqarrija moghtija mir-rikorrenti jidher li kien kawt hafna fir-risposti tieghu u li certament li s-sejbien tal-htija ma kienx imsejjes fuq l-istqarrija.

Isegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-ġudikat.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundementali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kors tal-proċeduri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri. Konsegwentement, qiegħed jitlob li l-Qorti tagħtih rimedju għal dan l-allegat ksur.

In linea preliminari, l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li sa fejn il-lanjanza tar-rikorrent hija mibnija fuq allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu waqt il-proċeduri dwar l-'allegazzjoni ta' ġenn', il-kwistjoni hija milquta mill-ġudikat għaliex il-Qorti Kostituzzjonali diġà pronunzjat ruħha dwar il-kwistjoni fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Marzu 2011.

Mill-atti jirriżulta li fis-17 ta' Frar 2006, ir-rikorrent ġie mixli b'omiċidju doluż u li ġarr arma tan-nar mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fit-12 ta' Marzu 2007, tlett periti psikjatri rrelataw li r-rikorrent ma kienx fi stat ta' ġenn fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt. B'verdett mogħti f'ġuri fl-20 ta' Ġunju 2007, il-ġurija sabet li r-rikorrent ma kienx fi stat ta' ġenn. Ir-rikorrent appella, iżda b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Settembru 2008, l-appell ġie miċħud u l-Qorti ordnat illi jitkomplew il-proċeduri kontra r-rikorrent. Ir-rikorrent ippreżenta kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn allega li seħħet leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-15 ta' Jannar 2009, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet li r-rikorrent kellu rimedju taħt il-liġi ordinarja, u għalhekk għażlet li ma tinqedix bis-setgħat mogħtija lilha taħt il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Permezz ta' verdett tat-22 ta' Jannar 2009, ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. Dakinhar stess, il-Qorti Kriminali kkundannatu għall-piena ta' priġunerija għall-għomru. Huwa appella minn din id-deċiżjoni iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tiegħu u kkonfermat għal kollox id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2017.

Din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni tal-ġudikat imressqa mill-intimat. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-

Qrati tagħna li sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, iridu jikkonkorru tlett elementi li huma: *eadem personae* (l-istess partijiet), *eadem res* (l-istess oġġett) u *eadem causa petendi* (l-istess mertu). Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta, deċiża fil-15 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2011, qalet hekk b'riferenza għal din l-eċċezzjoni:

> *"Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell, sede Kummercjali, fil-kaz "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", 5 ta' Novembru, 1934, "l-elementi ta' eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eaedem personae, eaedem res, eaedem causa petendi) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-exceptio judicati ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni". Ara "**Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru, 1958. Ta' rilevanza li jigi notat illi dawn it-tliet elementi jridu jikkoezistu flimkien ghaliex, jekk tonqos wahda minnhom, il-gudikat ma jistax jissussisti".*
>
> *Fil-kawza "**Sammut vs Spiteri**", deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003, saret riferenza mill-ewwel Qorti ghal bosta decizjonijiet li enuncjaw principji li gew accettati mill-Qorti tal-Appell. Gie osservat appuntu:*
>
> *Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita' tal-motivi tal-'causa petendi'. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" – FGC. 4 ta' Gunju, 1999**).*
>
> *Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine**" (Ap. 6 ta' Marzu, 1950 – XXXIV.I.74) li*

*kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a cio' che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (Cesare Baldi, Manuele Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p. 818.*

*L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli**' (Ap. 27 ta' April, 1953) u cioe' li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato**' (Ap. 2 ta' Marzu, 1956 – XL. I. 65) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju, 1955, ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament. L-istess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana**' – 11 ta' Gunju, 1956 – XLB. 1. 555)*

*Ta' l-istess portata hija s-sentenza '**Tarcisio Sultana vs Louis Micallef**' (A.D. 4 ta' Ottubru, 1993) fejn applikati l-principji fuq annunzjati meta wara kawza ghall-hlas ta' xoghol ta' appalt fejn il-konvenut baqa' kontumaci, l-istess wara ghamel kawza li appalt gie esegwit hazin, u ghad-danni, u il-Qorti sostniet li la darba dak li qed jitlob l-attur setgha opponieh bhala konvenut fil-kawza l-ohra, allura cahdet it-talbiet attrici, ghaliex it-tqanqil tal-kawza odjerna 'huwa intiz biex igib bhala effett li jannulla jew jillimita l-effett tal-istess gudikat' (**Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Company Limited**).*

*"Hekk fil-kawza '**Joseph Vella vs Emanuel Falzon**' (Ap. 25 ta' Frar, 1997) gie ukoll affermat illi l-exceptio rei judicatae (u litis pendentia) ghandhom bhala fundament il-fatti tal-interess pubbliku u ukoll ghax 'interest rei publicae*

*ut sit finis litium' u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implic[it]ament ir-rigettazzjoni tal-eccezzjonijiet kollha li setghu jitqajmu ghall-istess domanda (**XXXVI.I.75**)".'*

Huwa aċċettat li din ix-xorta ta' eċċezzjoni tista' titqanqal f'kawżi quddiem din il-Qorti. Madanakollu, ġie osservat li f'każijiet partikolari, il-Qrati mhux biss jistgħu jieħdu konjizzjoni ta' dan il-prinċipju meta jirrikorri iżda addirittura jistgħu ukoll iħollu lill-partijiet mill-effetti tiegħu. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et**, deċiża fl-4 ta' Lulju 2005, minn din il-Qorti diversament presjeduta, ġie osservat li:

*"għalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tħoll lill-partijiet mir-rabta ta' res judicata jekk dan ikun meħtieg biex tagħti rimedju kontra ksur ta' drittijiet fondamentali, dan ma għandux isir leggerment u żgur mhux qabel ma tkun ingħatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur. Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u l-finalità ta' res judicata illi sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali. Fil-fehma ta' din il-qorti, sentenzi li saru res judicata għandhom jitqiesu li jiswew u li ngħataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod ieħor."*

It-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Huwa stabbilit ukoll illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata applikazzjoni restrittiva. Fir-rigward tal-element tal-*eadem personae*, huwa indubitat li dan l-element jissussisti.

Dwar l-element tal-*eadem res,* il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd, tad-9 ta' Jannar 2001, qalet hekk:

*"Illi a rigward ta' l-"eadem res", din tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi fis-sentenza "**Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et**" (Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10), il- Qorti sostniet li:-*

*"wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista' jigi nvokat il-gudikat hu dak ta' l-identita` tal-oggett ('eadem res').*

*Illi f' "**Camilleri vs Baldacchino**" (P.A. 5 ta' Mejju,1898, Vol. XVI. II. 253. pg 255), l-Imhallef P. de Bono rrikonoxxa li "....La diversita` dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identita` della cosa giudicata".*

*Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.*

*Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett.*

*Illi f'dan ir-rigward huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza "**Camilleri vs Pace**" (A.C. 5 ta' Novembru 1951 u cioe:*

*"Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carettere di novita` o piuttosto presenti identita` della 'causa petendi', gia sperimintata in altre precedente, si deve aver rigaurdo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire"*

*Illi inoltre' f'"**Assunta Cassar vs Dr. Carmelo Zammit noe**" (A.C. 10 ta' Dicembru 1956 - Vol. XL. I. 402) gie rilevat li "… ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` m'hemmx bzonn tkun assoluta". Dan il-principju gie reiterat f' "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et**." (Q.K. 10 ta' Dicembru 1992 - Vol. LXXVI. I. V. 719) fejn il-Qorti tenniet li "dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identita` guridika".'*

Fl-istess sentenza, ingħad hekk dwar l-aħħar element u ċioè dak tal-*eadem causa petendi*:

*"Illi f' "**Don Vincenzo Galea noe vs Luigi Camilleri**" (P.A. 15 ta' Frar 1957 - Vol. XLI. II. 900) il-Qorti qalet li "wiehed mill-elementi tar-"res judicata" hija l-"eadem causa petendi". Din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi l-Prof. Caruana Galizia f'"**Notes on Civil Law**" (Pt. IV p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba*

*precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat."*

Huwa opportun li ssir riferenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet John Camilleri vs Avukat Ġenerali, deċiża fil-25 ta' Jannar 2013:

*"Illi l-identità tad-domandi fiz-zewg kawzi ma hemmx ghalfejn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita` fuq il-punt kontrovers li fit-tieni kawza jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddisksutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; ukoll, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità ta' motivi tal-causa petendi."*

Fil-każ fl-ismijiet Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Marzu 2003 ġie rilevat li:

*"Il-fundament ta` l-"action" u ta` l-"exceptio judicati" hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat.*

*Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat."*

Huwa paċifiku wkoll li '*fejn dispositiv ta' sentenza jkun sempliċiment jikkonsisti f'liberazzjoni ab observantia ma jistax jingħad li kien hemm ġudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwestjoni tista' tiġi riproposta ex novo*' (Joseph Aquilina et noe vs Charles Camilleri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Marzu 2004).

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 1958 fil-kawża Caterina Gerada vs Avukat Dottor Antonio Caruana, il-Qorti tal-Appell irriteniet li:

> *"L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistghax ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet "effettivament" deciza bis-sentenza ta` qabel u mhux biss li "setghet tigi deciza."*
>
> *Huwa veru li l-motivazzjonijiet fis-sentenza jiswew biex jiddeteminaw il-vera portata tal-punt deciz, b`mod li ghalkemm l-awtorita` tal-gudikat tkun dejjem u eskluzivamnet fid-dispozittiv is-sens ezatt u gust tad-dispozittiv u l-estensjoni legittima tieghu jkunu determinati u spjegati fil-mottivazzjonijiet, anzi xi drabi jigri illi d-decizjoni ma tkunx interament fil-parti dispozittiva tas-sentenza imma tkun anki fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta xi kwistjoni b`mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dizpozittiv li kollha flimkien kien jiffurmaw il-gudikat.*
>
> *...*
>
> *Dan kollu pero` mhux applikabbli meta f`sentenza li minnha hu allegat li johrog il-gudikat, la fil-motivazzjonijiet u lanqas fid-dispozittiv u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma tkun giet verament "deciza" l-identika kwistjoni li l-parti kuntrarja tallega li hija perenta bil-gudikat anzi meta dik il-kwistjoni mhux talli ma tkunx giet verament deciza imma anzi tkun giet espressament riservata."*

Kien ukoll stabbilit illi biex *res judicata* tiġi eċċepita b'suċċess, jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu l-istess bħal dawk tal-każ ta' qabel. Jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi jiġi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu għar-riproposizzjoni tat-talba

(Ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, sede Inferjuri, fl-ismijiet Joseph Difesa vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Vella Estates Limited vs Raymond Azzopardi et u David Theuma et vs Giuseppe Spiteri, tal-20 ta' Jannar 2016 u 2 ta' Marzu 2015 rispettivament u l-ġurisprudenza estensiva ċitata fiż-żewġ deċiżjonijiet).

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li dawn iż-żewġ elementi tal-*eadem res* u *eadem causa petendi* wkoll huma sodisfatti għaliex dak li qiegħed jintalab f'din il-kawża, sa fejn jirrigwarda l-proċeduri dwar l-allegazzjoni ta' stat ta' ġenn (il-ġurin), huwa effettivament l-istess li ntalab fil-proċeduri kostituzzjonali preċedenti u l-fatt ġuridiku u fuqu huwa bbażat id-dritt pretiż mir-rikorrent ukoll huwa l-istess.

Jirriżulta li r-rikorrent qiegħed għal darb'oħra jilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minħabba irregolaritajiet li jgħid li seħħew waqt il-ġurin. Huwa veru li fil-kawża kostituzzjonali preċedenti allega biss ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u din id-darba huwa qiegħed jistieden lill-Qorti tinvestiga jekk seħħx ksur ukoll taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, imma ġjaladarba iż-żewġ disposizzjonijiet jittrattaw l-istess dritt, dak tas-smigħ xieraq, m'hemmx ostakolu għall-ġudikat sempliċiment minħabba f'hekk.

Għalhekk, il-lanjanzi tar-rikorrent f'din il-kawża sa fejn jirrigwardaw il-proċeduri dwar l-allegat stat ta' ġenn, huma bbażati fuq l-istess mertu u l-istess oġġett tal-kawża ta' qabilha b'dan illi l-kawżali formanti l-bażi taż-żewġ azzjonijiet hija effettivament identika.

Fl-ewwel proċeduri kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta li għażlet li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi r-rikorrent seta' jinqeda b'rimedji ordinarji.

Fl-ewwel proċeduri ġie stabbilit li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja, xi ħaġa li huwa indubitat li m'għandux illum, ġjaladarba l-proċeduri kriminali huma magħluqa. Madanakollu, id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, bhal dik ta' din il-Qorti diversament presjeduta qabilha, kienet ibbażata fuq il-fatt illi l-proċeduri tal-ġurin ma jattirawx protezzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

L-ewwel qorti qieset hekk:

*"Il-qorti tifhem illi l-harsien taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni huwa moghti lil min ghandha tinghatalu deċizjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi ċivili tieghu jew – dak li hu relevanti ghall-kaz tallum – dwar akkuza kriminali miġjuba kontra tieghu. Fil-kaz tallum ghadha ma nghatat ebda deċizjoni dwar drittijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent jew dwar l-akkuza kriminali li nġiebet kontrieh. Id-deċizjoni li nghatat hija biss dwar jekk ghandhiex jew le titmexxa 'l quddiem il-kawza dwar l-akkuza kriminali. Ghalkemm inghatat deċizjoni, li hija wkoll finali, illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, dan huwa biss episodju fil-proċess li ghandu jwassal ghad-deċizjoni dwar l-akkuza.*

*Sabiex tara jekk il-proċess tad-deċizjoni dwar l-akkuza kriminali kisirx il-jeddijiet tar-rikorrent imharsa taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni, il-qorti trid tqis il-proċess kollu, u mhux episodju wiehed mehud wahdu. Ghalkemm dwar id-deċizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jiġi msejjah biex iwieġeb ghall-akkuza ma hemmx rimedju ordinarju iehor, ghax dik id-deċizjoni hija finali, dwar id-deċizjoni fuq l-akkuza nfisha il-proċess ordinarju ghadu ghaddej, u ghalhekk ir-rikorrent ghadu jista' jinqeda bir-rimedji li taghtih il-liġi ordinarja. Dan huwa relevanti ghax il-jedd imhares taht l-art. 6 huwa dwar id-deċizjoni fuq l-akkuza kriminali, u mhux dwar id-deċizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jiġi msejjah biex iwieġeb ghall-akkuza.*

*Lanqas ma hija relevanti s-sentenza fil-kaz ta' Kadem, li fuqha qieghed jistrieh ir-rikorrent. F'dak il-kaz, li kien dwar l-art. 5, mhux l-art. 6, tal-Konvenzjoni, Kadem kien fittex*

*rimedju kontra l-arrest tieghu waqt li kienu ghaddejjin proċeduri ghall-estradizzjoni tieghu. Il-Qorti Ewropeja kienet sabet illi Kadem ma kellux jistenna li jintemmu l-proċeduri ta' l-estradizzjoni qabel ma jfittex rimedju kontra l-arrest tieghu. F'dak il-kaz, izda, ir-rimedju li kien qieghed ifittex Kadem kien kontra l-arrest innifsu, mhux kontra l-estradizzjoni, u, billi f'dak il-waqt kien mizmum b'arrest, kienet mehtieġa deċizjoni dwar il-legalità ta' l-arrest ghax, jekk l-arrest kien illegali, kien iġarrab ksur tal-jedd fondamentali jkun xi jkun l-ezitu finali tal-proċeduri ghall-estradizzjoni.*

*Fil-kaz tallum ma hux hekk ghax id-deċizjoni illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, fiha nfisha u wehedha, ma tolqot ebda jedd fondamentali mhares taht l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqu qieghed jistrieh ir-rikorrent."*

Il-Qorti Kostituzzjonali imbagħad żiedet tgħid hekk:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti l-gurin ghandu jigi kkunsidrat bhala "proceedings ancillary or associated with criminal proceedings which are not decisive for the determination of the criminal charge". L-Artikolu 620 (1) tal-Kap 9 in fatti jipprovdi li "Kull allegazzjoni ta' genn, jew ta' kull fatt iehor li, minhabba fih, jekk il-fatt ikun veru, l-akkuzat m'ghandux, sew ghal dak il-waqt kemm f'kull zmien 'il quddiem, jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza, jew jghaddi guri, jew jiskonta l-piena, ghandha qabel xejn tigi maqtugha minn guri".*

*Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li fil-kaz tallum id-decizjoni li r-rikorrent ghandu jwiegeb ghall-akkuzi fiha nfisha u wahedha, ma tolqot ebda jedd fondamentali mhares taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu huwa qieghed jistrieh. L-iskop tal-gurin mhux biex isir il-guri fil-mertu dwar l-akkuza ta' omicidju volontarju. Il-gurin jiddeciedi biss jekk akkuzat jistax iwiegeb ghall-akkuza u ma jistax isibu hati tal-akkuza jew li johorgu verdett ta' htija. Lanqas ma jista' jinfliggi piena. L-iskop tal-gurin ghalhekk mhux biex jigi deciz jekk l-akkuzat ikkomettiex ir-*

*reat jew le imma biex jiddeciedi dwar l-allegazzjoni ta' genn. Fil-guri proprju, fil-mertu dwar l-omicidju volontarji r-rikorrent ikollu s-salvagwardji kollha taht l-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni.*

*Ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-gurin l-appellant kellu wkoll il-garanzija ta' proceduri gusti. Hu kien prezenti meta sar il-guri, kien assistit minn avukat ta' fiducja tieghu, u ma kienx impedut milli jressaq il-provi tieghu.*

*L-appellant pero` jkompli jishaq li l-kwistjoni fondamentali hija li jekk hu nstab hazin li kien mentalment kapaci di intendere e di volere, allura huwa lanqas ghandu jigi sottomess ghall-perikolu ta' gudizzju tal-gurati fil-mertu.*

*Din l-prova pero` l-appellant m'ghamilhiex. Fil-kaz ta' Antoine, l-applikant kien qajjem punt simili ghal dak sollevat mill-appellant fil-kaz odjern, fis-sens li "the possibility of an acquittal (fil-kaz odjern kieku saret dikjarazzjoni li kien insan) brought the proceedings within the scope of Article 6 since, to that extent, a final decision could be taken regarding a criminal charge, izda il-Qorti ta' Strasbourg iddecidiet li "The Court is not persuaded however that this renders the proceedings criminal for the purposes of Article 6(1). The lack of a possibility of a conviction and the absence of any punitive sanctions are more decisive."*

*Finalment din il-Qorti tirrileva li l-appellant ma kienx ikkontesta n-nomina tal-esperti nominati fil-proceduri kriminali. Dawn l-esperti jissemmew biss en passant quddiem l-ewwel Qorti f'rikors tal-14 ta' Novembru 2008 a fol. 17 fejn jissemmew "ragunijiet imputabbili lill-esperti nominati" imma mill-bqija dan l-ilment ma jissemma' mkien aktar lanqas fir-rikors tal-appell tieghu lanqas fl-aggravji. Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti mbaghad id-difensur tal-appellant qajjem diversi lanjanzi fil-konfront ta' dawn l-esperti li qatt ma kienu tqajmu qabel. Din il-Qorti pero` bhala qorti ta' revizjoni hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda*

*decizjoni dwarhom. Dan mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta' provi godda fuq kwistjoni gdida sollevata biss waqt it-trattazzjoni tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan l-istadju fuq materja jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame."*

Mill-motivazzjoni tas-sentenza jirriżulta ċar li l-Qorti Kostituzzjonali ma kienitx qiegħda sempliċiment tgħid li dawk il-proċeduri kienu intempestivi peress li l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti, imma li l-ġurin ma jattirax il-protezzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex huma proċeduri *ancillary or associated with criminal proceedings which are not decisive for the determination of the criminal charge*. Isegwi għalhekk li din il-kwistjoni hija milquta mill-ġudikat. Hija wkoll milquta mill-ġudikat l-allegazzjoni tar-rikorrent li '*jekk hu nstab hazin li kien mentalment kapaci di intendere e di volere, allura huwa lanqas ghandu jigi sottomess ghall-perikolu ta' gudizzju tal-gurati fil-mertu'* għaliex kellu kull opportunità jagħmel din il-prova fl-ewwel proċeduri, iżda prova ma ġabx.

Ladarba jirriżulta li l-allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fil-proċeduri dwar l-allegazzjoni ta' ġenn, hija proprju dak li ġie diskuss fis-sentenza preċedenti li allura kienet tirrigwarda l-istess persuni, l-istess oġġett u l-istess mertu tal-kawża tal-lum, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tar-res ġudikata hija tajba u għanda tintlaqa'.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat u peress illi ssib illi l-ewwel talba tar-rikorrent hija milquta mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Marzu 2011, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

L-ispejjeż ta’ dan l-episodju a kariku tar-rikorrent.

IMHALLEF

DEP/REG